# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 56/2014**

Il-Pulizija

vs

**Kurt Buttigieg**

iben Vincent, imwieled Pieta', fid-9 ta' Ottubru, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 559081(M)

Illum, 30 ta' Settembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kurt Buttigieg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-25 ta' Awwissu, 2013 ghal habta tas-7.45 p.m. fi Triq Iz-Zonqor, Marsascala:

1. Ghamel uzu minn vettura Nru. VW04WVL minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f' Malta biex tintuza fit-triq;

2. Kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabilta' tieghu vettura Nru. VW04WVL minghajr ma kienet registrata ma' l-Awtorita ghat-Trasport f' Malta;

3. Bhala l-persuna li mporta jew gab f' Malta vettura bil-mutur uzata, cioe' vettura tal-marka 'Renault Megan' bin-numru ta' registrazzjoni Nru. VW04WVL, naqas li fiz-zmien ghoxrin jum minn meta l-imsemmija vettura tkun waslet Malta, jipprezenta applikazzjoni u jipprovdi d-dokumenti kollha rilevanti lill-Awtorita ghat-Trasport f' Malta ghar-registrazzjoni tal-imsemmija vettura kif mitlub bil-ligi;

4. Ghamel uzu minn vettura tal-marka 'Renault Megan' bin-numru ta' registrazzjoni Nru. VW04WVL minghajr ma kellu l-pjanca ta' 'Trial Run' fuq vettura li kienet ghada mhux registrata;

5. Waqt li kien qed jaghmel uzu mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni Nru. VW04WVL naqas li ggorr mieghu c-certifikat tar-registrazzjoni ta' l-imsemmija vettura;

6. Waqt li kien qed jaghmel uzu mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni Nru.VW04WVL naqas li jkun fll-pussess ta' dokument tal-polza ta' l-assigurazzjoni ta' l-imsemmija vettura;

7. Naqas li jipproduci lill-Pulizija l-licenzja tas-sewqan fiz-zrnien skont il-Ligi;

8. Naqas li jipproduci lill-Pulizija c-certifikat ta' l-imsemmija vettura fiz-zrnien skont il-Ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 3, 6(2), 8, 13(1), 36 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, l-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 104 u l-artikolu 77 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 sabet lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u immultatu multa komplessiva ta' tlett elef Euro u ssospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Kurt Buttigieg minnu pprezentat fis-17 ta' Frar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokha u kwindi minnha tillibera lill-appellant skont il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr

pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-appellant irrikorrha ghad-dritt li ma jikxifx min kien saq il-vettura, galadarba s-surgent ma stabbilixiex min kien qieghed verament isuq l-istess vettura. Jekk persuna tkun selfet vettura lit-tfajla jew habiba taghha b'ebda mod ma hu rikjest jew mistenni minn xi dritt legali jew dover ta` *disclosure* li jikxef minn wettaq reat bhal l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellant.

Naturalment, is-surgent seta' jistenna b'ghaqal ftit il-boghod u jara min kien ser jittanta jsuq l-istess vettura, jaccedi fuqu u jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni. Illi l-appellant, ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jezercita dritt sancit mill-Kostituzzjoni coie` illi ma jkunx imgieghel jinkrimna nies terzi li jista' jimpingi hazin u detrimentali ghall-familja tieghu jew l-gharusa tieghu. Kien ikun hafna facli li jitla' jixhed l-appellant u jistqarr mall-Qorti kif kien spicca Maresaskala dak inhar imsemmi, u di piu' min saq il-vettura.

Illi sabiex l-appellant jaghti dawn id-dettalji, huwa ovvju li kien ser ibghati konsegwenzi bejnu u bejn it-tfajla tieghu jew qraba taghha, izda fil-kamp penali, assunzzjonijiet mhux edatti minn stharrig effettiv, ma jistawx iwasslu ghal piena u sejbin ta` htija stante li l-ufficjal li hareg l-imputazzjonijiet cioe` PS 329 R. Saliba qatt u fl-ebda moment ma osserva lill-appellant isuq xi vettura din msemmija jew ohra dak inhar li saret it-tahrika.

Illi kien ghal dawn il-motivi li d-difiza tal-appellant ma tellghetx lill-istess appellant jixhed quddiem l-Ewwel Qorti stante li anka id-dispozzizzjonijiet tal-Kapitolu 9 jipprovdu ghal protezzjoni f'xhieda meta dawn jkunu mizzewwgin jew genituri jew dixxendenti tal-imputat.

It-tfajla msemmija fl-affidavit qatt ma giet indikata minn effettivament hija, waqt li s-surgent hareg diversi akkuzi kontra l-appellant. Huma f'dawn ic-cirkostanzi li din l-Onorabbli Qorti

tifhem illi kaz simili mhux mistenni li ir-ragel jikxef lill-mara jew lill-membri ta` familjari taghha. Dan kollu kien trattat waqt it-trattazzjoni li saret quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Jsegwi li l-prosekuzzjoni hija dejjem obbligata li tipproduci l-ahjar prova fil-kamp penali; fil-kaz odjern certament ebda prova li l-appellant effettivament saq vettura ma giet prodotta. Il-Qorti ta` l-Appell Superjuri in rigward dan il-punt important stqarret hekk:
*`l-prova ndizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubbju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu facilment jinaghtaw aktar minn tifsira wahda, tkun li tkun, allura, dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skont il-Ligi, sabiex in bazi taghha tista tinstab htija.`*[1]

Issa jsegwi bla ebda dubju li mill-affidavit ta` xhud uniku cioe' s-surgent tal-pulizija, jirrizulta car illi l-appellant ma kienx lanqas fil-vettura u l-unika persuna li kienet fil-vettura kienet l-gharusa tal-appellant riekba fin-naha tal-passiggier. Is-surgent lanqas stablixxa min kien ipparrkjha jew kemm kienet ilha ipparrkjata hemm l-istess vettura, jekk ma kienitx hemm stazzjonarja minn jum qabel, jew minn sighat qabel, u allura jsegwi min saqha verament qatt ma kien stabbilit.

Ergo, kieku is-surgent stenna ftit u forsi kien jinnota lil xi sewwieq jsuq il-vettura allura seta' facilment jaccedi fuq is-sewwieq u jindaga kif inhu d-dover tieghu li jaghmel izda dan qatt ma sehh.

Illi l-Ewwel Qorti ddecidiet fuq htija komplessiva ta` tlett elef euro, u dan meta hemm tmien imputazzjonijiet illi certament kieku kien il-kaz ta` htija wara smiegh tal-provi, ghandhom jkunu kkunsidrati separatament mhux tinghata multa f'ammont konsiderevoli illi l-appellant ma jistax jinduna jekk l-imputazzjonijiet kollha gew `ippruvati` jew ftit minnhom jew xejn minnhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

---

[1] Repubblika ta` Malta vs George Spiteri. (5/7/2002) Appelli Superjuri.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi fir-rikors ta' l-appell, l-appellant spjega ghaliex ma hax il-pedana tax-xhieda meta l-kawza tieghu nstemghet quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-ragunijiet migjuba mhumiex kredibbli u ma jistghux jinghataw ebda piz.

Illi mill-affidavit tas-surgent li gie ezebit fl-atti ta' din il-kawza jirrizulta car u tond ir-responsabilita' tal-appellant.  Il-prova hija cara u univoka u twassal biss ghal konluzjoni wahda. Mhux talli hekk, izda l-appellant kien inghata c-cans li jihu d-dokumenti mitluba l-ghassa izda hu ghazel li jinjora din il-koncessjoni.

Illi l-versjoni moghtija mill-appellant fir-rikors tieghu ma jsib ebda konfort minn xi provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Kurt Buttigieg u tikkonferma s-sentenza appellata.  Is-sena sospensjoni tal-licenzja tibda tiddekorri mill-hdax u disa' u hamsin minuta tal-lejla.